MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2262/2003

**Joseph u Mary konjugi Mifsud**

**Vs**

**Nazju Xuereb u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2004 l-isem tal-konvenut gie kancellat u sostitwit bl-isem Ignazio sive Nazju Xuereb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-atturi talbu lill-konvenut ihallas Lm355 (tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin) rapprezentanti rifuzjoni ta' hlas ta' prezz ta' *skylight structure*, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ammetta l-istess konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti.
Ra r-Risposta tal-konvenut fejn jikkontesta t-talba ta' l-atturi billi jghid li l-istess xoghol kien sar skond is-sengha u l-arti u jichad li ammetta li l-i*skylight structure* ma sarx

skond is-sengha u l-arti. Jghid illi kien gara l-hsara fl-istess *skylight structure* billi tlett snin wara kienet ghamlet hafna xita bis-silg tant li ttaqqab il-*perspex*.

Ikkunsidra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid li x-xoghol kien ghamlu fin-1998 u fi Frar 2002 kienet ghamlet maltempata u ttaqqab il-*perspex*. Jghid ukoll illi Joseph Mifsud kien ikkonferma illi l-*perspex* kien ittaqqab minhabba s-silg. Xuereb jghid li l-atturi qatt ma lmentawlu dwar ix-xoghol hlief tlett snin wara li lestielhom l-i*skylight structure*.

Jikkonferma li l-atturi kitbu lill-kumpanija ta’ barra izda qatt ma rcevew twegiba dwar dan. Jikkonferma wkoll illi offra lill-atturi sabiex jaghmlilhom tip ta’ saqaf differenti b’inqas flus u inqas xoghol. Jghid li l-atturi ghall-ewwel accettaw izda l-Perit kellu ideat differenti.

Jghid li l-Perit ta’ l-atturi la qatt ma kien kellmu qabel m’ghamel ix-xoghol ta’ l-i*skylight structure* u lanqas qallu li l-*perspex* gie mpoggi bil-kontra. Jikkonferma li wara li ghamel is-silg kien mar fil-post ta’ l-atturi xi darbtejn.

Fl-Affidavit ta’ l-atturi, jghidu illi l-konvenut kien assigurahom li ma kienetx se tidhol taqtira ilma izda fil-fatt l-ilma tax-xita dahal mhux biss mit-toqob tal-*perspex* izda minn bejn l-istruttura ta’ l-i*skylight* u l-hajt u dana peress illi ma rikkibx l-istruttura ta’ l-i*skylight* fuq il-hajt kif kien qallu l-Perit taghhom.

Jghidu wkoll illi l-konvenut mar kemm-il darba wara li ghamel is-silg sabiex isodd l-ingress ta’ l-ilma permezz tas-*silicon*. Madankollu l-ilma xorta baqa’ diehel.

Ikkunsidra l-Affidavit tal-Perit Kevin R. Abela fejn jikkonferma li x-xoghol fl-i*skylight structure* ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Jikkonferma wkoll li kien ta lill-konvenut suggerimenti dwar kif ghandu jaghmel l-istess *skylight* izda l-konvenut naqas milli jisma’ minnu.

Ra r-Rapport tal-Perit Kevin R. Abela.

Illi f’din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu li jiehdu rifuzjoni totali tal-prezz li hallsu lill-konvenut ghall-i*skylight structure*. L-atturi gabu rapport tal-Perit u Affidavit ta’ l-istess Perit fejn gie kkonfermat li l-i*structure*:

a) Is not adequately anchored both as individual components together as also the anchorage and detailing of the same completed skylight to the plastered stairwell structure of the building.

b) Apart from its bad perimeter detailing, the vertical and horizontal components forming the side frames of the structure are also badly jointed and are subject to water ingress and the deterioration of the same internal connections.

c) These issued could never possibly be attributed to a lack of maintenance since the shortcomings are a result of faulty detailing, and or/materials and/or fabrication originally.

d) Ix-xoghol f’din l-i*skylight stucture* ma sarx skond is-sengha u l-arti u d-difetti kollha li kont iccertifikajt huma kollha konsegwenza ghal dan il-fatt u cjoe’ li x-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti.

Illi l-konvenut ma gabx Rapport tal-Perit biex jikkontesta l-verzjoni tal-Perit Kevin R. Abela. Il-konvenut ma talabx li jaghmel kontro-ezami tal-Perit Abela.

Il-konvenut sostna li l-atturi lmentaw biss wara tlett snin u li d-difetti huma rizultat ta’ *hale storm*.

Illi dan it-Tribunal jikkonkludi li l-atturi gabu evidenza konvincenti li l-i*skylight structure* ma sarx skond is-sengha u l-arti. Illi l-fatt li seta’ gara hsara ulterjuri minhabba *hale storm* u l-fatt li l-atturi naqsu li jibdew proceduri ghal tlett snin ma jbiddilx din il-konkluzjoni.

Illi l-atturi kellhom dritt li jhallsu ghax-xoghol sewwa. Il-konvenut naqas li jipprovdi dan ix-xoghol sewwa u ghalhekk ghandu jigi kkundannat li jirrifondi l-prezz tax-xoghol.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas Lm355 (tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin) lill-atturi. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (9 ta' Jannar, 2004).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------